*- Tassazzjoni ta' drittijiet ġudizzjarji*
*-Valutazzjoni meta ssir pretenzjoni ta' danni f'nota ta' sottomissjonijiet*
*- li ma tkunx saret bħala waħda mit-talbiet fir-Rikors Maħluf*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 21 ta' April 2022**

**Rikors Nru. 504/2020 GM**

**Edwin Zammit (ID 211633M) u Josephine Zammit (ID sic)**

**vs**

**Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali**

**u**

**Saviour Casha, Carmel Micallef, Giorgio Micallef, John Micallef, Emilia Micallef, Victor Micallef, Philip Micallef, Nathalie Barbara, Anton Camilleri, Mary Micallef, Maria Stella D'Amato u Joseph Oliver Ruggier**

**u**

**L-Avukati Massimo Vella u Carl Grech**
**għal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Edwin Zammit (ID 211633M) u Josephine Zammit (ID 455537M) li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

Ir-rikorrenti huma atturi f'kawża li ġiet deċiża minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Frar 2020 fl-ismijiet Edwin Zammit et vs Saviour Casha et (kawża numru 103/2008JZM) u li minnha jidher li sar appell minn uħud mill-intimati li pero' għadu ma ġiex notifikat lill-esponenti;

Riċentement fl-imsemmija kawża inħadmet it-taxxa hawn annessa bħala Dokument 'A';

Meta r-rikorrenti indagaw dwar il-bażi biex inħadmet l-imsemmija taxxa, jidher li din inħadmet *ad volorem* a bażi ta' ċifri li ssemmew biss fin-nota ta' sottomissjonijiet finali u li ma jirriżultawx minn provi jew dokumenti;

Fil-kawża 103/2008JZM l-esponenti kienu talbu hekk:

*'9.1 Tipprefiġġi t-terminu entro liema l-intimati għandhom jirrintegraw lir-rikorrent fil-pussess tal-appartament lilu mikri u okkorrendo tistabbilixxi penali għad-dewmien għal kull ġurnata oltre t-terminu premess li l-intimati jibqgħu morużi.*

*9.2 Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsobbli għad-danni kkaġunati lill-attur kif premess brevement f'dan ir-rikors.*

9.3 *Tillikwida d-danni kkoġunati lir-rikorrent sad-data li fiha l-kawża tiġi deċiża, konsistenti fit-telfien t'għamara u benefikati li huwa kien għamel fl-appartament kif ukoll fi spejjeż ta' ġarr u spejjeż ta' kirja ta' proprjeta` alternattiva.*

*9.4 Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għall-ħlas tad-danni likwidati.*

*9.5 Bl-imgħaxijiet data tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja sad-data tal-pagament effettiv.*

*9.6 Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri ġudizzjarji u ta' kull att kawtelatorju maħruġ in konnessjoni ma' din il-kawża.'*

Fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Frar 2020 fil-kawża 103/2008J2M il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet favur l-esponenti fis-sens illi onorat ir-reintegrazzjoni tal-appartament fi żmien prefiss mill-istess Qorti u stabbiliet il-penali li għandha titħallas f'każ ta' inadempjenza, u ddikjarat li wħud mill-intimati huma responsabbli għad-danni fil-konfront tal-esponenti;

Wara li sabet li kien hemm responsabbilta' għad-danni da parti minn uħud mill-intimati, il-Qorti għaddiet biex tagħmel eżerċizzju ta' likwidazzjoni iżda wara li għamlet tali eżerċizzju dehrilha li d-danni mitluba ma ġewx ippruvati sodisfaċentement u għalhekk ma ordnat lill-intimati jħallsu l-ebda danni, u qalet hekk:

'Meta tqis l-assjem tol-provi, ma ssibx li hemm danni x'jiġu likwidati favur l-atturi la għall-għamara, la għall-ġarr u lanqas għall-kera ta' post alternattiv. Għalhekk qiegħda tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi rispettivament enumerati 9.3, 9.4 u 9.5.'

Effettivament għalhekk bis-sentenza msemmija sar eżerċizzju ta' likwidazzjoni ta' danni li pero' rriżulta li kien żero;

Din hija sitwazzjoni differenti minn każijiet fejn il-Qorti ma ssibx lill-intimati responsabbli u għalhekk ma tgħaddix biex tillikwida d-danni minkejja li dawn ikunu ġew mitluba; hawnhekk għall-kuntrarju għandna sitwazzjoni fejn il-Qorti sabet li kien hemm responsabbli għad-danni u għamlet l-eżerċizzju ta' likwidazzjoni iżda dehrilha li fil-prattika ma setgħetx tillikwida danni għaliex ma kinitx soddisfatta li tali danni ġew ippruvati;

L-esponenti għandhom x'jifhmu illi li kieku l-Qorti llikwidat imqar ewro wieħed in linea ta' danni l-bażi li fuqha kienet tinħadem it-taxxa odjerna kienet tkun dik iċ-ċifra likwidata mill-Qorti, iżda f'dan il-każ minkejja li l-eżerċizzju ta' likwidazzjoni sar xorta waħda r-Reġistratur għażel li ma joqgħodx fuq ir-riżultat ta' dak l-eżerċizzju, li kien żero;

Fil-każ 103/2008JZM il-Qorti kienet iddikjarat lil wħud mill-intimati responsabbli għad-danni u għaddiet biex tagħmel l-eżerċizzju tal-likwidazzjoni; iżda meta effettivament illikwidat id-danni dehrilha li d-danni ippruvati kienu żero; bl-akbar rispett għalhekk, jekk dik kienet il-fehma tal-Qorti, allura t-taxxa relattivament għal dik is-sentenza kellha tinħadem fuq il-valur

minimu u mhux fuq valur bil-bosta ogħla minn dak li sabet il-Qorti (u ċioe' żero);

Għalhekk it-taxxa msemmija nħadmet b'mod inġust u skorrett;

Inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2020, wara li kkonkludiet li d-danni likwidati kienu żero, issoktat tkompli tgħid hekk:

'Fl-aħħar nett, fin-nota ta’ sottomissjonijiet, l-atturi jressqu pretensjoni oħra dwar danni u ċioe' talli kienu spussessati mid-dritt tal-inkwilinat. In sostenn jagħmlu referenza għas-sentenza li tat din il-Qorti kif presjeduta fit-30 ta' Mejju 2017 fil-kawża fl-ismijiet Dorothy Lentini vs AS & B Limited li sal-lum pero' għadha mhijiex ġudikat peress li kien sar appell minnha.

Il-Qorti rat it-talbiet, u tosservo li t-tielet talba (enumerata 9.3) intalab hekk:-

*"Tillikwida d-danni kkaġunati lir-rikorrenti sad-data li fiha l-kawża tiġi deċiża, konsistenti fit-telfien ta' għamara u benefikati li huwa kien għamel fl-appartament in kwistjoni kif ukoll fi spejjeż ta' ġarr u spejjeż ta' kirja ta' proprjeta` alternattiva."*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti t-talba titkellem għaliha u tirrigwarda danni li kienu limitati u delineati għal dak li tgħid it-talba. Din it-talba għal kumpens kif impostata hija ċirkoskritta u limitata għal dawk id-danni partikolari li huma ndikati fit-talba. Fost dawn id-danni ċertament mhuwiex inkluż dak li ssemma mill-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom.*

*Huwa ben risaput illi fid-deċiżjonijiet illi tagħti l-Qorti trid toqgħod mat-talbiet kif dedotti. Fil-każ tal-lum il-Qorti ma kenitx mitluba tiddeċiedi dwar talba għal risarċiment ta' danni dwar spussess da parti tal-atturi mill-inkwilinat tal-fond. Għalhekk mhijiex sejra tmur oltre dwar din il-kwistioni.'*

Għalhekk, għad li l-Qorti fis-sentenza tas-27 ta' Frar 2020 iddikjarat bl-aktar mod ċar illi d-danni tal-ispussessar mid-dritt tal-inkwilinat ma kienux qed jingħataw għaliex ma kienux qed jiġu kkunsidrati bħala parti mill-pretensjoni li dwarha kienet il-kawża jidher li t-taxxa ġiet maħduma proprju fuq dawk id-danni (u ċioe' danni għall-ispussessar mid-dritt tal-inkwilinat);

Għandu jkun ben ovvju illi meta r-regoli tal-intaxxar jistipulaw li t-taxxa tinħadem *ad valorem* dan huwa b'referenza għall-valur ta' dak li ntalab u mhux il-valur ta' xi ħaġa li mhix inkluża fit-talbiet;

Irrispettivament minn jekk xi ħaġa ġietx imsemmija fin-nota ta' sottomissjonijiet, *una volta* li l-Qorti fis-sentenza tagħha ddikjarat li ċertu tip ta' danni ma ġewx mitluba bis-saħħa ta' dik il-kawża, ma jistgħux dawk l-istess danni għall-fini tat-taxxa jitqiesu daqslikieku kienu effettivament ġew mitluba; hawnhekk l-esponenti jżidu jgħidu illi huma mhux qed jgħidu li jaqblu mal-pożizzjoni li ħadet l-Ewwel Qorti iżda ġaladarba dik kienet is-sentenza tal-Qorti ma jistax jintuża kejl differenti għall-fini li tinħadem it-taxxa relattiva. Jiġi rilevat illi l-Qorti ma qalitx li l-esponenti ma kienx ħaqqhom dawk id-danni iżda qalet sempliċement li dawk id-danni ma setgħux jingħataw għaliex il-kawża ma kinetx tittratta dwarhom u ma ġewx mitluba; ġaladarba dik kienet il-veduta tal-Qorti, ma tistax tinħadem taxxa bħallikieku l-istess danni kienu aġġudikati li jiffurmaw parti mill-kawża;

Għalhekk ukoll it-taxxa in kwistjoni hija żbaljata billi maħduma fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti u fuq valuri li s-sentenza relattiva ddikjarat li ma jittrattawx dwar il-mertu;

Inoltre fl-atti jirriżulta li kien hemm prospett u stima ppreżentati mill-esponenti, liema prospett u stima ġew injorati kompletament għall-fini li tinħadem it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji. Tali prospett u stima kienu jirrigwardaw dawk id-danni mitluba fir-rikors promotur iżda din il-pretensjoni ġiet skartata biex minflok ir-Reġistratur ikkalkula d-danni fuq pretensjoni li skont l-Ewwel Qorti ma kinitx parti mill-mertu;

Inoltre l-valur li fuqu ġiet maħduma t-taxxa in kwistjoni, jew almenu parti minnu, ma kienx valur li kien ikkonfermat bil-ġurament tal-attur fil-kawża kif irid l-Aritkolu 4(f) tat-Tariffa A u għalhekk ma kienx leċitu li t-taxxa tinħadem fuq tali valur;

*Inoltre fil-kalkolu tat-taxxa in kwistjoni r-Reġistratur injora għal kollox id-dettami tal-Artikolu 753 tal-Kap.12 li jipprovdi li 'Sabiex jiġi determinat il-valur tal-oġġett li fuqu jkun hemm il-kwistjoni, m'għandu jittieħed ebda qies tal-frottijiet, taż-żieda b'aċċessjoni, tad-danni jew tal-imgħaxijiet, li jkun hemm matul il-kawża';*

Fi kwalsijasi każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-taxxa hawn annessa bħala Dokument 'A' hija eċċessiva u maħduma inkorrettement, fuq kriterji irrilevanti, u mhux skont il-proċedura stabbilita, kif sejjer jiġi ppruvat waqt is-smigħ ta' din il-kawża;

Mhux ġust li l-esponenti, li nstab li fil-prinċipju kellhom raġun, isibu ruħhom f'sitwazzjoni fejn min-naħa l-waħda ma ġiet likwidata favur tagħhom l-ebda somma in linea ta' danni u min-naħa l-oħra jridu jerfgħu l-piż ta' spejjeż kbar ikkalkolati fuq danni li huma ma ħadux;

Fl-aħħar nett jingħad għal kull buon fini illi din il-kawża qiegħda ssir mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-esponenti li jekk jidhrilhom jappellaw inċidentalment minn kwalsijasi parti tas-sentenza tas-27 ta' Frar 2020 una volta li jirċievu n-notifika tal-appell prinċipali;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara t-taxxa ta' drittijiet u spejjeż tal-kawża fl-ismijiet Edwin Zammit et vs Saviour Casha et bin-numru proġressiv 103/2008JZM li kopja tagħha tinsab hawn annessa bħala Dokument 'A' bħala erronea u mhux skont il-liġi u għalhekk nulla u invalida, inkluż fejn stabbiliet id-drittijiet tar-Reġistru u dawk tal-avukati u prokuraturi legali kollha parteċipi, in kwantu taffettwa l-proċeduri kollha minn meta l-kawża ġiet rinvijata mill-Qorti tal-Appell lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sa meta ġiet deċiża s-sentenza tas-27 ta' Frar 2020;

2. Tordna t-tħassir tal-istess taxxa; u

3. Tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali joħroġ taxxa ġdida tal-imsemmija kawża għaż-żmien fuq imsemmi, maħduma fuq dak il-valur li skont din l-Onorabbli Qorti għandu japplika għall-fini tal-intaxxar ta' dik l-istess kawża;

Rat ir-Risposta ta' Anton Camilleri (lD 228266M) u tal-Avukat Dottor Massimo Vella (ID 411674 M) li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Preliminarjament l-azzjoni de quo hija irrita u nulla in kwantu saret *fuori termine* billi jirriżulta, mill-kopja informi tat-taxxa *de quo* annessa mar-Rikors Promotur, li din inħadmet fis-27 ta' Frar 2020, mentri r-Rikors *de quo* ġie intavolat fl-20 ta' Ġunju 2020, ben oltre t-terminu ta' xahar preskritt mill-Artikolu 64(1) tal-Kap. 12.

2. Fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-pretensjoni fil-mertu tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu t-taxxa *de quo* nħadmet sew għab-bażi ta' valur li jirriżulta min-Nota ta' Sottomissjonijiet li l-istess rikorrenti ppreżentaw fil-kawża fl-ismijiet Edwin Zammit et v. Saviour Casha et (Rikors Ġuramentat Numru 103/2008JZM deċ. 27/2/2020).

3. Fil-kawża msemmija, ir-rikorrenti kienu inkludew, fost it-talbiet tagħhom, talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom huma ikkwantifikaw id-danni minnhom pretiżi bis-segwenti mod:

ID-DANNI

Id-danni li qed jitolbu l-esponenti huma s-segwenti:

(i) Telf ta' drittijiet lokatiżji - kalkolati bil-metodu stabbilit fis-sentenza Dorothy Lentini vs AS & B Limited deċiża mill-Prim'Awla fit-30 ta' Meiiu 2017. Jiġi rilevat illi l-esponent Edwin Zammit twieled fl-1933. Dan ifisser illi fl-2002 huwa kellu 69 sena filwaqt illi fl-2005 huwa kellu 72 sena. lllum huwa għandu 86 sena u għalhekk diġa' għex aktar mil-life expectancy hawn f’ Malta. Jekk kellu jittieħed kont biss tas-snin li għaddew sal-lum jiġi li r-rikorrent tilef drittijiet lokotiżji ta' 17-il sena. Stante li ma jistax jiġi kalkulat bi preċiż kemm ikun it-telf ta' kera totali minħabba li r-rikorenti diġa' qabżu l-eta' tal-aspettativa media, l-esponent jipproponi li jittieħed kolkolu fuq 20 sena. Issa skont stima ppreżentata fl-atti appartamenti f'Tas-Sliema jinkrew b'medja ta' €1,200 fix-xahar ossija €14,400 fis-sena. B'hekk jiġi li l-esponenti ġarrbu telf ta' drittijiet lokotiżji fil-valur ta' €288,000 (i.e. €14,400 x 20). Għal kull buon fini l-esponenti jfakkru li huma esebew ukoll diversi cuttings minn gazzetti biex jistabilixxu x'inhuma l-prezzijiet kurrenti ta' appartamenti fl-inħawi ta' Tas-Sliema;

(ii) Valur ta' għamara u oġġetti u fixtures oħra li kienu fl-appartament u nqerdu u valur ta' xogħlijiet li għamlu l-esponenti fil-fond mikri u ntilfu meta dan twaqqa' - €38,588.52. Dan huwa t-totol tal-valuri kollha msemmija fl-affidavit ulterjuri ta' Edwin Zammit u hemmhekk spjegati;

(iii) Telf ta' qligħ li qed jiġi riskontrat minħabba li l-esponenti għexu ma' binthom u żewgha f’ parti mill-fond li kien intiż biex ikun

estensioni tal-klinika ta' żewgha u dan ipproduċa telf ta' €50 għal kull jum li l-esponenti ilhom jgħixu ma' binthom (ara affidavit ta' Dr David Muscat) - jigifieri EUR50 kuljum għal dawn l-aħħar 17-il sena;

(iv) Somma ta' €3,494 (daqs Lm1,500) li sal-2000 l-esponent kien nefaq fi spejjeż ta' manutenzjoni tal-bjut, liema xogħlijiet suppost għamluhom l-intimati;

(v) Kontijiet tad-dawl u l-ilma li rċieva l-esponent għall-perjodu wara li ħareġ mill-fond mikri - €2,476.80 skont Dokument 'ENEK' esebit fil-proċess;

4. I1-prinċipji applikabbli in materja huma s-segwenti:

"ll-paragrafu rilevanti hu 14 [tat-Tariffa E tal-Kap. 12] li jipprovdi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma’ valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.". Jidher li l-fatt li ma tkunx ingħatat sentenza fuq id-dikjarazzjoni ma jbiddel xejn. ll-kelma "dikjarazzjoni" qiegħda tirreferi għat-talba li tkun saret fir-rikors ġuramentat jew talba rikonvenzjonali. Jidher li t-tassazzjoni tiġi regolata mit-talba. Il-fatt li skont dan il-paragrafu l-valur jista' jkun determinabbli mill-proċess, tirrifletti dak li qabel kienet tipprovdi għaliha l-ġurisprudenza fis-sens "...meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa għandha tiġi fuqu regolata, ċjoe' għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tagħha. Minn dana jitnissel li l-eżami għandu jirraġġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-quod disputatume est, li jista' jiġi raġjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess." (Carmelo Axiak vs Avukat Dr Giuseppe Vella et deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 1951 -Vol. XXXV.ii.361)5. Fil-każ in eżami, fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konjuġi Saliba kienu ddikjaraw, fil-parti ntestata "Likwidazzjoni tas-Serviġi" li l-ammont li kellu jitħallas bħala serviġi kien fis-somma ta' €301,9286. Hekk per eżempju fil-kawża Lawrence Manche` vs l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre et deċiża fl-20 ta' Marzu 1989, il-qorti kkonfermat li l-valur jista' jiġi stabbilit mill-massa litiġjuża u bbażat il-quantum fuq l-ammont tad-danni li ppretenda l-attur fil-mandat ta' sekwestru pendenti l-kawża.

5. Dan il-prinċipju ġie aktar reċentement ribadit f'numru ta' sentenzi oħra, fosthom:

- Adam Ahmed Gismalla noe v. BH International Limited et - Qorti tal-Appell, Rikors Numru 317/17/JPG deċ. 31/1/2019.

- Arkitett Raymond Vassallo pro et noe v. Reġistratur tal-Qrati Ċivili et – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Rikors Numru 622/2017/AF deċ. 22/1/2020.

- Frances Galea et v. Reġistratur tal-Qrati - Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Rikors Numru 55/2014/LM deċ. 12/6/2020.

6. Ingħad ukoll minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Leo Micallef et v. Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, li:

*Gie stabbilit minn ġurisprudenza kopjuża u kostanti illi "t-tassazzjoni ta' kawża għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi inkartament, iżda fis-sens tal-oġġett tagħha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda" (Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et, Prim' Awla, Qorti Ċivili, l ta' Ottubru, 1948. Ugwalment, ġie ritenut illi "meta l-massa litiguża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem ..." (Carmelo Axiak -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-deċiżjoni fl-ismijiet Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 25 ta' Jannar, 2002 u Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine, Appell  Ċivili,17 ta' April 1978;*

*Illi fl-istess kawża, fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' April 2014 l-attur Leo Micallef qal hekk:*

*"Jiena qed nirreklama danni ta' €900,000." Asserzjoni ripetuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu f' dik il-kawża. Għalhekk il-massa litiġjuża hija ben stabbilita – minn ħalq l-attur innifsu. Ir-Reġistratur mexa korrettement meta ntaxxa fuq dan il-valur:"* (enfażi miżjuda)

7. Mis-sentenzi hawn riportati jirriżulta li l-valur għall-finijiet ta' tassazzjoni jista' jinstilet min-Noti ta' Sottomissjonijiet preżentati

mill-partijiet, addirittura mill-valur indikat f'mandat kawtelatorju preżentat qabel il-kawża.

8. Hawnhekk għandna każ fejn ir-rikorrenti, li kienu atturi fil-kawża Edwin Zammit et v. Saviour Casha et, ikkwantifikaw il-pretensjoni tagħhom fl-ammont ta' €639,315.30 (€288,000 + €38,588.52 + (€50 x 365 ġurnata x 17-il sena) + €2,476.80). Dan hu l-valur tal-pretensjoni tagħhom hekk kif stabbilit minnhom stess. Ma jistgħux jiġu r-rikorrenti llum u jiċħdu dan; kienu huma stess li kkwantifikaw il-massa litiġjuża, fl-ammont komplessiv ta' €639,315.30, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom.

9. Ir-rikorrenti jargumentaw illi, f'kawżi għar-riżarċiment tad-danni, teżisti differenza bejn min-naħa l-waħda sitwazzjonijiet fejn il-Qorti ma ssibx lill-konvenut responsabbli għad-danni u, min-naħa l-oħra, sitwazzjonijiet fejn il-Qorti ssib lill-konvenut wettaq att illeċitu iżda tiddeċiedi li l-ebda danni ma ġew provati mill-attur. Skont ir-rikorrenti, f'dan it-tieni każ il-kawża għandha tiġi intaxxata abbażi tal-minimu naxxenti mill-kompetenza *ratione valoris* ta' din l-Onorabbli Qorti u mhux abbażi tal-ammont reklamat mill-attur.

10. Dan l-argument huwa għal kollox żbaljat għal żewġ raġunijiet:

i. Fl-ewwel lok, kif ingħad minn din l-Onorabbli Qorti f'Mid-Med Bank plc v. Ellul Holdings Ltd noe et," ...l-azzjoni intentata, għalkemm temani mill-proċeduri determinati bejn il-kontendenti fil-proċeduri li taw lok għat-tassazzjoni kontestata, hija azzjoni separata u totalment indipendinti mill-istess proċeduri billi l-Qorti tkun mitluba tikkunsidra xi ħaġa li ġrat wara d-determinazzjoni tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet u indipendentement mill-volonta` tal-partijiet." Dan il-prinċipju huwa llum paċifiku. It-tassazzjoni hija unikament bażata fuq il-valur oġġettiv tal-massa lintiġjuża u ma tiddipendix mill-eżitu tal-kawża fil-mertu. Ma teżisti l-ebda differenza, għall-finijiet ta' tassazzjoni, bejn kawża dwar ħabta bejn żewġ karozzi fejn l-attur li jippretendi €100 danni ma jirnexxilux jipprova r-responsabilita` tal-konvenut għall-inċident u l-atttur, f'kawża simili, li jippretendi wkoll €100 danni, li jirnexxilu jipprova r-responsabilta` tal-konvenut għall-inċident iżda ma jirnexxilux jipprova li sofra €100 danni. Il-massa litiġjuża għall-finijiet ta' tassazzjoni tibqa' dejjem €100 fiż-żewġ każijiet. Għalhekk, il-fatt li r-rikorrenti ma ġabux prova tad-danni minnhom allegati m'għandu l-ebda relevanza għall-finijiet ta' tassazzjoni. Id-drittijiet jiġu stabbiliti abbażi tal-pretensjoni naxxenti mit-talbiet u mhux abbażi ta' dak li talvolta jista' jiġi provat o meno

mill-attur, jew mill-akkoljiment tat-talbiet tagħhom. Għalhekk, il-kawża kellha tiġi intaxxata fuq il-valur ta' €639,315.30 riżultanti min-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

i. Fit-tieni lok, l-argument tar-rikorrenti huwa mibni fuq ġeneralizzazzjoni ta' dak li ġie deċiż fil-kawża Edwin Zammit et v. Saviour Casha et. Ma rridux ninsew li kien hemm diversi konvenuti f'dik il-kawża, illum ilkoll intimati f'dawn il-proċeduri. L-esponenti Anton Camilleri u Joseph Oliver Ruggier ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u ċertament ma nstabu responsabbli għall-ebda danni. Huwa proprju hawn li l-argument tar-rikorrenti jfalli għaliex fil-konfront ta' Joseph Oliver Ruggier u tal-esponenti Anton Camilleri m'aħniex sempliċement qed nitkellmu dwar nuqqas ta' prova tad-danni iżda qed nitkellmu dwar nuqqas ta' sejbien ta' responsabbilta`. Għalhekk, sakemm mhux ħa ngħidu li jeżisti iktar minn valur wieħed għall-istess kawża skont min huwa l-konvenut l-argument li fuqu huwa mibni r-Rikors *de quo* huwa neċessarjament destinat li jfalli.

Rat ir-Risposta ta' Savior Casha (ID 208862M), Emilia Micallef (ID 380681M), Philip Micallef (ID 516782M), Mary Micallef (ID 421647M) u Maria Stella D' Amato (ID 0872650M) li permezz tagħha eċċepew illi;

Permezz tagħha, u mingħajr preġudizzju għall-appell li sar minn Saviour Casha u Maria Stella d' Amato u oħrajn, jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dwar it-talbiet tal-atturi fil-proċeduri odjerni.

Rat ir-Risposta tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Din hija kawża ta' ritassa li permezz tagħha qed jiġi attakkat l-għemil tar-reġistratur liema għemil jikkonsisti fl-intaxxar tal-kawża numru103/2008 JZM fl-ismijiet Edwin Zammit et vs Saviour Casha et deċiża minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Frar 2020.

2. Għandu jingħad li t-taxxa tar-Reġistratur inħadmet fit-23 ta' Marzu 2020 u d-dokument li fih jinġabru l-ispejjeż ġie redatt fit-22 ta' April 2020.

3. It-taxxa maħduma mir-reġistratur hija korretta u skont il-liġi;

4. Mhemmx dubju li l-kawża in meritu kellha tiġi, kif fil-fatt ġiet, intaxxata *ad valorem* skont kif provdut fit-Tariffa A annessa mal-Kodiċi tal-Proċedura (para. 3) u t-Tariffa E annessa mal-istess Kodiċi (para 14).

5. Ladarba l-Qorti ma llikwidatx danni huwa konswet li wieħed iħares lejn dak li l-partijiet fil-kawża kienu qed jiddibattu fuqu. Illi hekk kien ingħad fil-kawża Micallef et vs Micallef et (PA,24/07/1946) "ll-Prinċipju enunċjat in linja ta' massimu, illi t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjali tiġi regolata mid-domanda, jew mis-sentenza meta fid-domanda s-somma ma hix determinata, ma hux inflessibili, imma għandu jiġi raġjonevolment kwalifikat bil-prinċipju l-ieħor illi meta mill-kumpless tal-kontestazzjoni jkun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avvolja d-domanda tkun għal somma li għandha tiġi likwidata. Il-kelma "domanda" ma għandhiex biss is-sens limitat tal-pretiża kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, imma anki s-sens tal-kumpless tal-kontroversja li fuqha għandha tingħata d-deċiżjoni."

6. Issa l-kontroversja li fuqha għandha tingħata d-deċiżjoni hija l-pretensjoni tal-atturi. U din il-pretensjoni toħroġ fiċ-ċar fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu stess meta elenka a fol. 605 tal-proċess bin-numru 103/2008JZM id-danni.

B'mod ċar huwa ssottometta dan "illi d-danni li qed jitolbu l-esponenti huma s-segwenti:"

7. Żgur li r-rikorrenti mhux qed iwaqqa' dak li huwa stess qal fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Illi dwar il-prospett li jsemmi r-rikorrenti fir-rikors promotur jiġi rilevat li l-prospett jindika biss spejjeż tal-għamara u li dawn ġew wkoll inklużi fin-nota ta' sottomissjonijiet. Fl-istess nota r-rikorrenti saħħaħ il-bażi tal-ammonti li talab billi kkwota quotations li wisq probabbli kien qed jirreferi għal-prospett fuq imsemmi. Tant kien ċert mill-ammonti mitluba li tenna li ma kienux kontestati.

8. Fid-deċiżjoni Av. Leslie Grech noe vs Frank Abela et (PA, 25/01/2002) din il-Qorti tenniet illi "Minn dana jitnissel li l-eżami għandu jirraġġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-'Quod disputatum est', li jista' jiġi raġjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess; u għal dana l-fini jistgħu

u għandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali, u 'multo magis' l-iskritturi mdaħħla fil-proċeduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu ġew proposti għall-eżami u deċiżjoni tal-Qrati jiġux imbagħad finalment milqugħa jew miċħuda."

9. Minn qari sew tas-sentenza jidher li l-Qorti ċaħdet it-talba għad-danni peress li l-attur ma ressaqx provi suffiċċjenti (fol. 66 tas-sentenza) tant li qalet "Meta tqis l-assjem tal-provi, ma ssibx li hemm danni ...". imma pretensjoni kien hemm u din il-pretensjoni hija l-*quod disputantum est* li fuqha inħadmet it-taxxa tal-kawża mir-reġistratur. Hawn terġa' ssir referenza għad-deċiżjoni fuq imsemmija Grech vs Abela li permezz tagħha ġie stabblit li l-valur mhux biss joħroġ mid-domandi kif formulati imma minn kull ma jiġi trattat fil-mori tal-kawża: "Minn dana jitnissel li l-eżami għandu jirraġġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-'Quod disputatum est', li jista' jiġi raġjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess". Il-fatt li l-qorti ma llikwidatx id-danni ma jfisserx li ma kienx hemm pretensjoni mir-rikorrenti anżi dan huwa ferm ovvju fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu stess.

10. Għalhekk it-taxxa li tagħha qed tintalab reviżjoni hija maħduma korrettement u għandha tiġi konfermata minn din l-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat:

It-talba hija waħda għal ritassa.

**Eċċezzjoni tal-perenzjoni:**

Anton Camilleri u l-Avukat Dottor Massimo Vella fl-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta konġunta tagħhom, u Dr Carl Grech, fl-ewwel eċċezzjoni tar-Risposta tiegħu, jissottomettu li l-azzjoni hija perenta għaliex tressqet wara l-egħluq ta’ xahar mill-ħruġ tat-taxxa li qed tiġi attakkata. Ir-Reġistratur ma qajjimx din l-eċċezzjoni; lanqas l-intimati l-oħrajn.

It-taxxa ġiet maħduma fit-22 t'April 2020 – u mhux fis-27 ta' Frar 2020 kif allegat minn Anton Camilleri u Dr. Massimo Vella. Ir-rikors promotur ġie ppreżentat fis-26 ta' Ġunju 2020. It-terminu ta' xahar jiskatta minn dakinhar li tinħareġ it-taxxa għal dawk li jkunu talbuha. Għal oħrajn jiskatta minn dakinhar li t-taxxa tiġi formalment notifikata. L-intimati, li ressqu din l-eċċezzjoni, kellhom l-oneru tal-prova fuqhom li jippruvaw li r-rikorrenti talbu t-taxxa, jew li rċevew notifika formali. Billi ma ġabu l-ebda prova bħal din, l-eċċezzjoni tagħhom ma tistax tintlaqa'. Dan apparti li t-termini ġudizzjarji kienu sospiżi bl-Avviż Legali 141 tat-2020, b'seħħ mit-2 t'April 2020 minħabba l-pandemija tal-covid-19 sat-12 ta' Ġunju 2020. Għalhekk meta nħadmet it-taxxa, it-termini kienu diġa` ġew sospiżi.
Din l-eċċezzjoni għalhekk m'għandhiex fundament legali.

**Fatti:**

Fil-kawża numru 103/2008 JZM, l-attur, u martu għall-interess li seta' kellha - issa r-rikorrenti – allegaw li kellhom jabbandunaw appartament lilhom mikri mingħand il-konvenuti minħabba ħsarat strutturali; li minħabba f'hekk sofra "**danni konsistenti fit-telfien t'għamara u benefikati li huwa kien għamel fl-appartament in kwistjoni kif ukoll fi spejjeż ta' ġarr u spejjeż ta' kirja ta' proprjeta` alternattiva"** u għalhekk talab *inter alia* li l-konvenuti jew min minnhom jiġu ddikjarati responsabbli għad-danni **"kif brevement premess f'dan ir-rikors"** (para 9.2), tillikwida l-istess danni (para. 9.3) u tikkundanna l-konvenuti għall-ħlas tal-istess (para. 9.4). L-atturi talbu wkoll lill-Qorti tipprefiġġi terminu li fih il-konvenuti kellhom jirrintegraw lill-attur fil-pussess tal-appartament, u timponi penali għal kull jum ta' dewmien (para 9.1).

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-atturi allegaw li sofrew is-segwenti rjus ta' danni:

(i) €288,000 telf ta' drittijiet lokatizji.
(ii) €38,588.52 valur t'għamara u fixtures oħra.
(iii)€50 għal kull jum li damu jgħixu ma' binthom għal 17-il sena billi għexu f'parti mill-fond ta' binthom intiża bħala estensjoni tal-klinika tar-raġel ta' binthom li għalhekk tilef din is-somma bħala qligħ.
(iv)€3,494 spejjeż ta' manutenzjoni fl-appartament.
(v) €2,476.80 kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Il-Qorti:

(1) Laqgħet it-talba f'para 9.1 tar-Rikors Maħluf billi ffissat terminu ta' 18-il xahar biex uħud mill-konvenuti jirrintegraw lill-atturi fil-pussess u ordnatilhom iħallsu €50 għal kull jum ta' dewmien.

(2) Ma ħaditx in kunsiderazzjoni danni talli kienu spussessati mid-dritt tal-inkwilinat għaliex it-talba għall-kumpens kellha "tibqa' ċirkoskritta u limitata għal dawk id-danni partikolari li huma indikati fit-talba".

(3) Laqgħet in parte t-talba f'para 9.2 billi ddikjarat ir-responsabilita` għad-danni mitlubin fir-Rikors Maħluf kellha tiġi spartita terz mill-atturi u żewġ terzi mill-konvenuti l-oħra.

(4) ċaħdet it-tabiet 9.3, 9.4 u 9.5 li kienu dwar likwidazzjoni u kundanna għal ħlas tad-danni u mgħaxijiet.

(d) għamlet provvediment dwar l-ispartizzjoni tal-ispejjeż ġudizzjarji.

(e) ċaħdet it-talbiet kontra Anton Camilleri.

Ir-Reġistratur ħadem it-taxxa *ad valorem* abbażi taċ-ċifri tad-danni msemmijin fin-nota ta' sottomissjonijiet.

**Sottomissjonijiet:**

Fir-rikors promotur bit-talba għar-ritassa, **r-rikorrenti** jsostnu li:

(1) Il-Qorti ddeċidiet li ma kinitx sejra tagħti kas tad-danni għal telf tal-inkwilinat billi ma kienx fost it-talbiet fir-Rikors Maħluf. Għalhekk ir-Reġistratur ma kellux jinkludihom meta kkalkula l-valur tal-kawża. Il-*quod disputandum est* ġie ddeterminat mill-Qorti nnifisha fis-sentenza u mhux leċitu li r-Reġistratur jinjora dan il-pronunzjament.[1]

(2) Il-Qorti ma llikwidatx id-danni mitluba fir-Rikors Maħluf għaliex dawn ma ġewx ippruvati, għalkemm iddikjarat lil uħud mill-konvenuti responsabbli għall-istess. Li kieku llikwidat danni imqar ta' euro, il-valur tal-kawża kien jiġi ntaxxat fuq euro. Ġaladarba d-danni kienu zero, il-valur tal-kawża kellu jkun zero.

(3) Il-valur li ġiet maħduma t-taxxa fuqu, jew almenu parti minnu, ma kienx ikkonfermat bil-ġurament kif irid Regolament 4(f) tat-Tariffa A.

(4) ir-Reġistratur injora Artiklu 753 tal-Kap 12 li jipprovdi li "Sabiex jiġi determinat il-valur tal-oġġett li fuqu jkun hemm il-kwistjoni,

[1] Ara wkoll sottomissjonijiet tar-rikorrenti Fol 284 et seq.

m'għandu jittieħed ebda qies tal-frottijiet, taż-żieda b'aċċessjoni, tad-danni jew tal-imgħaxijiet, li jkun hemm waqt il-kawża".

Fir-Risposta tagħhom għar-rikors promotur, **Anton Camilleri u l-Avukat Dottor Massimo Vella** jsostnu li:

(1) L-atturi talbu, fost l-oħrajn, il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni. Dawn ikkwantifikawhom fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. Hu applikabbli Para. 14 tat-Tariffa E tal-Kap 12 li jaqra hekk:

> "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".

Jiċċitaw ġurisprudenza li nterpretat dan il-Paragrafu fis-sens li t-tassazzjoni tiġi regolata mit-talba u mhux mis-sentenza u għalhekk huwa irrilevanti jekk is-sentenza tilqax it-talba jew le. It-talba għal dan il-fini titqies f'sens wiesa' ta' dak kollu li jkun in disputa (*quod disputandum est*) li jista' jiġi raġonevolment indott minn dak li jirriżulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-kawża.

Konsegwentement sewwa ġiet intaxxata l-kawża fuq il-valur komplessiv ta' €639,315.30 ikkalkolat mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet imsemmija. Min-naħa l-oħra, huwa rrilevanti li l-Qorti ma laqgħatx it-talba għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni.

(2) Il-konvenuti Anton Camilleri u Joseph Oliver Ruggier ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Hawn jirriżulta nuqqas ta' responsabilita`

għall-akkadut mhux sempliċi nuqqas ta' prova tad-danni. L-argumenti tar-rikorrenti ma japplikawx għal dawn il-konvenuti, sakemm mhux qiegħed jiġi pretiż li jeżisti iktar minn valur wieħed għall-istess kawża.

Fir-Risposta tiegħu, ir-**Reġistratur** iċċita ġurisprudenza li similment għal dik iċċitata minn Anton Camilleri u l-Avukat Dottor Massimo Vella, tistabbilixxi li t-tassazzjoni tiġi regolata mid-domanda, jew mis-sentenza meta fid-domanda s-somma ma tkunx determinata. B'domanda wieħed jifhem ukoll dak li joħroġ mill-kumpless tal-kontroversja, u għal dan il-fini jservu wkoll id-dikjarazzjonijiet orali u l-iskritturi mdaħħla fil-proċeduri bil-miktub. Meta l-valur jista' jiġi determinat b'dan il-mod, huwa irrelevanti jekk it-talbiet jiġux milqugħa jew miċħuda fis-sentenza.

**L-avukat Dottor Carl Grech** fir-risposta tiegħu ukoll sostna li t-tassazzjoni ssir *ad valorem* skont it-talbiet independentement minn jekk jintlaqgħux jew le.

Barra minn hekk, jenfasizza li ġaladarba r-rikorrenti għoġobhom idaħħlu pretenzjoni lil hinn mit-talbiet tagħhom, din għandha tiġi ntaxxata xorta waħda. Jekk ma ridux hekk, ma messhomx ressquha, u mhux iressquha u mbagħad jilmentaw dwar il-ħlas tal-ispejjeż għaliex il-Qorti ċaħditilhom it-talba.

**Ir-rikorrenti,** fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentaw:

(1) Iċċitaw fit-tul sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Kummissarju tal-Pulizija v Avukat Generali**[2], li kienet dwar ritassa ta'

[2] Mogħtija fis-7 ta' Mejju 2010. Il-Qorti kienet komposta minn STO Vincent Degaetano, u l-Onor. Imħallfin Albert Magri u Tonio Mallia.

kawża Frank Pace v Kummissarju tal-Pulizija[3]. It-talbiet kienu biex jiġi ddikjarat li l-konvenuti abbużaw mill-poter meta talbu ċerta garanzija għal tiġdid ta' liċenzja tan-negozju, biex jiġu ordnati ma jkomplux jinsistu fuqha, u talba għad-dikjarazzjoni ta' responsabilita` għad-danni. Fl-atti, l-atturi ppreżentaw prospett tad-danni. L-ewwel Qorti ħarġet taxxa ad valorem abbażi tagħha. Il-Qorti tal-Appell ħassret is-sentenza, għaliex il-preżentata tal-prospett m'għamlitux parti mill-massa litiġuża ġaladarba ċ-ċitazzjoni ma kienx fiha talba għal-likwidazzjoni tad-danni u **allura l-kwistjoni tad-danni ma kinitx *in issue*.**

(2) Issottomettew illi meta l-Qorti tagħti somma inqas milli jkun talab l-attur, it-taxxa għandha tkun skont il-valur mogħti fis-sentenza.

(3) Issottomettew illi r-Reġistratur seta' jistrieħ biss fuq provi maħlufa, kif irid Para. 4(f) tat-Tariffa A, u allura fuq il-prospett li kien jirrigwarda t-talbiet fir-rikors promotur, u mhux oltre minn hekk.

(4) Iddikjaraw illi wħud mill-konvenuti appellaw mis-sentenza tas-27 ta' Frar 2020 iżda l-appell mar deżert fil-21 ta' Ġunju 2021 billi ma tħallsitx il-kawtela. Sadanittant il-Qorti tal-Appell tat digriet fis-26 t'April 2021 li fih qieset li r-Reġistratur għamel żball meta kkalkula l-kawtela. Isostnu li dan id-digriet hu rilevanti għaliex il-kawtela tinħadem fuq it-taxxa.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti jsostnu li r-Reġistratur kiser l-Artiklu 753 tal-Kap 12 mentri fil-fatt riedu jiċċitaw Artiklu 765 li jgħid li "Sabiex jiġi determinat il-

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28.01.2005.

valur tal-oġġett li fuqu jkun hemm il-kwistjoni, m'għandu jittieħed ebda qies tal-frottijiet, taż-żieda b'aċċessjoni, tad-danni jew tal-imgħaxijiet, li jkun hemm matul il-kawża" billi ħa in kunsiderazzjoni danni li seħħu waqt il-kawża. Dan l-Artiklu, iżda, jiddetermina l-valur għall-fini ta' kompetenza tal-Qorti, u mhux għall-finijiet ta' tassazzjoni.

Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li r-Reġistratur seta' jistrieħ biss fuq provi maħlufa, kif irid Para. 4(f) tat-Tariffa A. Dan il-paragrafu ma jeżistix, u jidher li rikorrenti qegħdin jirreferu għal Para. 4(1)(f) tal-istess Tariffa. Din iżda tirreferi għal ġurament li suppost jieħu attur flimkien mat-talba tiegħu biex jiġi ddeterminat proviżorjament id-dritt tar-reġistru. Ikun assurd jekk in-nuqqas li jsir dan isarraf f'telf tad-dritt għat-tassazzjoni.

Jidher li ilu żmien twil stabbilit li t-tassazzjoni ta' drittijiet ġudizzjarji **ssir fuq it-talba** meta l-valur ikun iddeterminat fid-domanda u jekk dan ma jirriżultax mit-talba li l-valur jiġi stabbilit minn dak li jintrebaħ fis-sentenza. Dan il-prinċipju, iżda:

> "ma hux inflessibbli, imma għandu jiġi raġonevolment kwalifikat, kif ġie mill-ġurisprudenza kwalifikat, bil-prinċipju l-ieħor illi meta minn dak li jissejjaħ *il complesso del tema contenzioso* ossija *massa litigiosa* ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avvolja d-domanda tkun għal somma li għandha tiġi likwidata. Il-kelma 'domanda' ma għandhiex biss is-sens limitat tal-pretiża kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, imma anki s-sens, *in subjecta materia*, tal-kumpless tal-kontroversja li fuqha għandha tingħata d-deċiżjoni. L-attur jista' jiddetermina l-pretensjoni tiegħu anki bi skritturi oħra fil-proċess, u allura l-kuntrast fuq dik il-pretensjoni jsir il-veru *disputandum* li għandu jitqies il-valur tiegħu għall-finijiet tat-tassazzjoni."[4]

[4] Gustavo Micallef v. Eleonora Micallef, Prim'Awla, 24 ta' Lulju 1946, Vol. XXXII.ii.424, *coram* Onor. Imħ. William Harding.

Fil-każ preżenti, fost it-talbiet fir-Rikors Ġuramentat hemm dawk ta' dikjarazzjoni ta' responsabilita` u għal-likwidazzjoni tad-danni. Il-valur għalhekk huwa wieħed indeterminat. B'danakollu waqt it-trattazzjoni tal-kawża l-attur issottometta ċifri ta' danni varji tipi. Il-Qorti fis-sentenza tagħha sabet li uħud minn dawn id-danni ma kinux inklużi fit-talbiet tar-Rikors Maħluf u għalhekk irrifjutat li tikkunsidrahom għax imorru lil hinn mill-*vires* tagħha; filwaqt li dwar id-danni inklużi fl-istess Rikors Maħluf ma rriżultalhiex li ġew ippruvati u għalhekk ma llikwidat l-ebda danni.

Il-kweżit ewlieni dibattut bejn il-partijiet hu jekk ir-Reġistratur setax jieħu in kunsiderazzjoni ċifri dwar irjus ta' danni li jinstabu fl-atti iżda ma jinstabux fost it-talbiet.

**Ir-rikorrenti**, biex isaħħu l-argument tagħhom, iċċitaw fit-tul sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Kummissarju tal-Pulizija v Avukat Generali**[5], li kienet dwar ritassa ta' kawża Frank Pace v Kummissarju tal-Pulizija[6]. It-talbiet kienu biex jiġi ddikjarat li l-konvenuti abbużaw mill-poter meta talbu ċerta garanzija għal tiġdid ta' liċenzja tan-negozju, biex jiġu ordnati ma jkomplux jinsistu fuqha, u talba għad-dikjarazzjoni ta' responsabilita` għad-danni. Fl-atti, l-atturi ppreżentaw prospett tad-danni. L-ewwel Qorti ħarġet taxxa ad valorem abbażi tagħha. Il-Qorti tal-Appell ħassret is-sentenza, għaliex <u>il-preżentata tal-prospett m'għamlitux parti mill-massa litiġuża ġaladarba ċ-</u>

[5] Mogħtija fis-7 ta' Mejju 2010. Il-Qorti kienet komposta minn STO Vincent Degaetano, u l-Onor. Imħallfin Albert Magri u Tonio Mallia.
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28.01.2005.

ċitazzjoni ma kienx fiha talba għal-likwidazzjoni tad-danni u **allura l-kwistjoni tad-danni ma kinitx *in issue.***

**L-intimati Anton Camilleri u l-Avukat Dottor Massimo Vella** jirribattu dan l-argument billi jirrilevaw li r-rikorrenti rrikonoxxew li b'mod għal kollox skorrett, fis-sottomissjonijiet tagħhom fil-kawża *Zammit v Casha* ressqu pretensjoni għal danni astronomiċi li parti minnhom ma kinux jidħlu fil-parametri tal-azzjoni minnhom proposta. Ħadu ċans li l-Qorti erronjament tilqalhom it-talba u issa għax ġiethom ħażina ma jridux iħallsu l-ispejjeż. Li kieku ġiethom tajba, ir-rikorrenti kienu jitolbu ħlas sal-inqas ċenteżmu. Similment, l-intimat **Dr Carl Grech** isostni li ġaladarba r-rikorrenti għoġobhom idaħħlu pretenzjoni lil hinn mit-talbiet tagħhom, din għandha tiġi ntaxxata xorta waħda. Jekk ma ridux hekk, ma messhomx ressquha, u mhux iressquha u mbagħad jilmentaw dwar il-ħlas tal-ispejjeż għaliex il-Qorti ċaħditilhom it-talba.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iż-żewġ veduti opposti li t-tnejn fihom il-piż tagħhom; dik tar-rikorrenti għaliex marbuta mal-limiti tal-*vires* tal-Qorti u l-awtorita` tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li, filwaqt li ma torbotx bħala preċedent, għandha l-awtorita` tagħha u m'għandhiex tiġi skartata minn din il-Qorti, ġerarkikament inferjuri, anke fl-interess tal-konsistenza fil-ġudikati; u dik tal-intimati għaliex hija bbażata fuq prinċipju ta' ekwita li m'għandu qatt jiġi skartat leġġerment fi proċeduri ġudizzjarji.

Il-Qorti fliet sewwa Para. 14 tat-Tariffa E tal-Kap 12 li jaqra hekk:

> "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni

> jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".

Issa d-dikjarazzjoni fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża numru 103/2008 JZM li ma kinitx sejra tieħu konjizzjoni ta' pretenzjonijiet li ma kinux inklużi fost it-talbiet tal-Rikors Maħluf kellha x'taqsam ma' valur determinat mill-proċess; f'dan il-każ min-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi. Tassew li d-deċiżjoni kienet waħda negattiva, li ċaħdet pretenzjoni għal somma flus rappreżentanti danni subiti, proprju għaliex ma kinux imdaħħlin fir-Rikors Maħluf. Imma xorta kienet tkoprihom; fis-sens li għandna pronunzjament f'sentenza dwar somma determinata ta' flus pretiża, tajjeb jew ħażin, mill-atturi fl-istess kawża. Il-Para. 14 ma jorbotx il-valutazzjoni tat-taxxa mat-talbiet fir-Rikors Maħluf, imma ma' dak kollu li jirriżulta mill-proċess. L-uniċi żewġ rekwiżiti biex jiġi sodisfatt il-Para. 14 huma "**dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt",** li tkun tifforma parti minn sentenza tal-Qorti li "**ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess".** Il-liġi ma tiddistingwix bejn dikjarazzjoni pożittiva u dikjarazzjoni negattiva u lanqas, jekk tkun negattiva, xi tkun ir-raġuni għaċ-ċaħda tal-Qorti – huwa rrilevanti kinitx negattiva minħabba nuqqas ta' provi, minħabba estinzjoni tal-obbligazzjoni, jew minħabba kwalunkwe raġuni oħra, inkluża dik li ħaġa pretiża fl-atti ma kinitx fost il-pretenzjonijiet fir-Rikors Maħluf. L-interpretu ma jistax jagħmel distinzjonijiet fejn il-liġi ma tagħmilhomx. Il-*vires* tar-Reġistratur fit-tassazzjoni tad-drittijiet huwa differenti mill-*vires* tal-Qorti.

Jekk huwa minnu li "**l-ispirtu informatur tat-tassazzjoni ġudizzjarju għandu jiġi poġġut fuq il-ħsieb li s-somma taxxata tkun tali li sservi**

**bħala kumpens proporzjonat għar-responsabilita` tad-difensuri"**[7] l-ebda avukat m'għandu jitpoġġa f'pożizzjoni li jkollu jiddefendi lill-klijent tiegħu minn pretensjoni ta' ħaddieħor mingħajr ma jirċievi l-ebda kumpens għaliha, iktar u iktar jekk din tkun iddaħħlet baxx baxx fl-atti tal-kawża meta ma kellhiex tkun hemm, bit-tama li tissorprendi lill-Qorti.

Ir-rikorrenti jsemmu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, ir-riferenza li għamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell għat-tassazzjoni tar-Reġistratur f'digriet kamerali fl-appell li sar – u li mar deżert – mis-sentenza 103/2008 JZM., li fih irrimarkat li r-Reġistratur għamel żball meta kkalkula l-kawtela. Isostnu li dan id-digriet hu rilevanti għaliex il-kawtela tinħadem fuq it-taxxa. Din il-Qorti iżda mhix marbuta b'dak id-digriet.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

Moqri.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA

[7] Kliem l-Onor. Imħ. A. V. Camilleri fis-sentenza Carmelo Axiak v Av. Dr. Giuseppe Vella 09.02.1951 Prim'Awla XXXV.ii.361.